# Il-Ħuttafa

numru 115

Marzu - April 2013



Rundun Żaqqu Bajda

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf


Victor Falzon

Serp Iswed
Western Whip Snake



# Ħbieb Ħuttaf...

editorjal

Barra l-għasafar komuni tas-soltu li jgħixu magħna jew li naraw fil-pases, kull sena jitfaċċaw ukoll xi speċi skarsi jew rari, kultant rarissmi wkoll. U min ikun b'xortih li jarahom ikollu tassew b'xiex jifraħ.

Biex niftiehmu, il-berdwoċer ta' veru huwa dak jew dik li jitpaxxew b'KULL għasfur li josservaw, anke sempliċi għasfur tal-bejt li narawh madwarna kullimkien. Wara kollox, dak li huwa komuni llum mhux bilfors ħa jibqa' komuni dejjem.

Nafu b'ħafna stejjer ta' għasafar li darba kienu komuni imma li mbagħad skarsaw u anke spiċċaw. Per eżempju fi żmien il-Kavallieri ċ-ċawla tant kienet komuni f'Malta li l-gvern kien jagħti flus għal kull waħda li tinqatel! Għadda ż-żmien u ċ-ċawl ma baqax komuni, imma l-kaċċaturi baqgħu joqtluhom bl-addoċċ. U x'ġara? Ħeqq, qatluhom kollha hux! Illum diffiċli biex titfaċċa ċawla Malta, għax iċ-ċawl mhux għasfur tal-passa.




Għasafar oħrajn li darba kienu komuni f'Malta u li llum naqsu huma d-durrajsa, il-bufula ħamra u l-bilbla. Dawn ma naqsux minħabba l-kaċċa imma minħabba problemi oħrajn, fosthom il-bexx fir-raba', l-iżvilupp fil-kampanja, il-bdil fil-klima, u l-firien.

Kif taqraw f'paġna 3, xi berdwoċers ħbieb tagħna dan l-aħħar raw żewġ għasafar rari mill-Afrika ta' Fuq. S'intendi meta jiġri hekk jibdew għaddejjin essemmessijiet bl-addoċċ, u fil-post malajr jinġabru berdwoċers oħrajn, ilkoll akkaniti biex jilmħu huma wkoll l-għasfur r-rari.



Victor Falzon

Min jaf xi darba għadx jibdew għaddejjin il-messaġġi anke meta berdwoċer jilmaħ xi għasfur tal-bejt! Nisperaw li le, għax ma rridux l-għasafar tal-bejt isiru rari wkoll.

Gawdu n-natura kollha, ħbieb, anke l-iktar komuni.

Victor

Victor Falzon
l-Editur

## mal-faċċata



Ir-**rundun żaqqu bajda** (alpine swift) huwa wieħed mill-għasafar tal-passa li jgħaddu minn Malta fir-rebbiegħa u fil-Ħarifa. Jidher kull sena imma huwa ħafna inqas komuni minn kuġinuh ir-rundun komuni. Jingħaraf mill-ewwel minn dik iż-żaqq bajda tlellex!

Ritratt ta' Aron Tanti

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Avviżi | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Kulħadd bil-Bejta | 7 |
| Arti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Iċ-Ċittadella | 10 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne-Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef • Steve Zammit Lupi


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


©BirdLife Malta, April 2013
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

# Imxejna Mixja Mixjun sax-Xemxija

## 24 Marzu 2013

Victor Falzon




Fi Triq il-Pwales



Spjega fuq ir-ringing

Victor Falzon

**Konna grupp sabiħ ta' 178 ruħ -** numru rekord fil-fatt. Inġbarna r-Rabat fit-8.30am u nofs siegħa wara tlaqna nimxu. Waqfa d-Dwejra, oħra San Martin, u wasalna x-Xemxija ftit wara 12.30pm, għajjenin imma kuntenti. Fil-wasla ħadna xi rigali, imbagħad wieħed mir-ringers tal-BirdLife spjegalna dwar ir-ringing. Imbagħad ippruvajna nirringjaw lil Ħuttafu il-maskot tal-Klabb, fl-aħħar sibnielu ċurkett jiġih! :) :)

Kif tafu b'dawn il-mixjiet niġbru xi flus għall-proġetti tal-BirdLife - dis-sena l-flus ħa jintużaw biex nixtru apparat fotovoltajku għaċ-ċentru żgħir tar-ringing li l-BirdLife għandha fuq Kemmuna.

Mill-Mixja ta' dakinhar inġabar total sabiħ ta' **€1076** u inġabar bis-saħħa tat-tfal kollha li hawn→ f'dil-lista. L-iktar li ġabret kienet **Giulia Debattista Montalto** (€100). Grazzi Giulia u t-tfal l-oħrajn kollha, u anke ġenituri u għalliema li ġew magħhom. Ħadu sehem ukoll sitt skejjel primarji. Grazzi wkoll lil-Leaders Christopher, Desirée, Felix, Janet, Nicholas, Nicolette, Sivie, Timothy u Victor, kif ukoll lir-ringer Justin, u lil Steve, Helen u Michela mill-uffiċċju tal-BirdLife li attendew.

Grazzi wkoll lil Richard u l-membri kbar li dakinhar ukoll organizzaw mixja, minn Ħad-Dingli għal Għar Lapsi. U ġabru **€450** oħra!

Kelsey Abela Dingli • Kathryna Aloisio • Jodie Aquilina • Rita Attard • Neill Azzopardi • Kluivert Bonello • Lara Bonello • Maia Bonello • Claire Borg • Mireya Bugeja Cuschieri • Gabrielle Cachia • Emma Camilleri • Guilia Camilleri Fava • Kaya Camilleri • Liz Cherrett • Joanna Ciantar • Phoebe Ciantar • Kristian Cini • Miriana Cini • Alexin Clinch • Zvelton Cortis • John Critien • Giulia Debattista Montalto • Janek Dhalli • Pavel Dhalli • Alvin Farrugia • Andrea Ferrito • Soraya Galdes • Benjamin Grech • David Grech • Myra Grech • Valentine Kostadinov • Kyra Magro • Ellena Mazzara • Rabiana Mazzara • Melanie Micallef • Michela Micallef • Kyra Mifsud • Martina Mifsud • Michaela Mifsud • Maria Dolores Miller • Alessia Mizzi • Daniela Mizzi • Emma Montebello • Gavin Muscat • Matthew Nappa • Bianca Pace • Jordan Pace • Cherise Pintley • Catrina Psaila • Milena Sammut • Yovana Schembri • Dylan Sciberras • Ryan Sciberras • Stephanie Sciberras • Kimberley Scicluna • Finlay Spencer • Elysia Sultana • Zyanne Webster • David Woollard • Jaimilee Xuereb Mulvaney • Iysis Zammit Saliba • Giuliana Zammit • Kelsey Zammit

Nicholas Galea




Rundun Żgħir
Little Swift

Adin Vella



Trumbettier
Trumpeter Finch

L-aħħar li deher rundun żgħir hawn Malta kien fl-2003.
U l-aħħar trumbettier?
Fl-2010.
U mur! Kull sena narah fil-banda!
Kiesaħ!

Ir-rundun żgħir nafu li deher 11-il darba biss f'Malta.

## Iż-Żgħiru...

Fis-16 Marzu 2013 il-ħbieb tagħna Martin Austad u Nick Galea kienu r-riserva tal-Għadira u qalb folla runduni jagħqdu fuq rashom lemħu wieħed differenti. Kien **rundun żgħir**, għasfur rari sew għal pajjiżna.

Ir-rundun żgħir jgħix f'xi nħawi tal-Afrika ta' Fuq, fosthom it-Tuneżija. Imma għalkemm mhux bogħod minna xorta rari narawh hawn Malta, għax ir-rundun żgħir tal-Afrika ta' Fuq ma tantx ipassi.

## ...u l-Istorbjuż!

Għasfur ieħor rari (mhux rari daqs ir-rundun żgħir però) li deher f'Marzu huwa t-**trumbettier**. Deher mill-inqas darbtejn - forsi kien l-istess għasfur, forsi tnejn differenti. Fit-23 tax-xahar, seħibna berdwoċer Adin Vella ra wieħed f'Ta' Ċenċ f'Għawdex u ħadlu anke xi ritratti.

It-trumbettier huwa wkoll għasfur mill-Afrika ta' Fuq, u wkoll mhux soltu jpassi.

Dawn l-aħbarijiet u anke ta' paġna 4 tajbin biex tużawhom l-iskola fl-Attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)

Dinja Waħda

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

BirdLife MALTA

BOV Bank of Valletta


Fil-baħar madwar il-gżejjer San Juan jgħixu diversi balieni orka.

# Monumenti għan-Natura



Il-President Obama tal-**Istati Uniti** għadu kemm iddikjara ħames *National Monuments* ġodda. Dawn spiss jkunu xi bini storiku imma jafu jkunu wkoll xi biċċa art ġmielha b'veduti sbieħ. Fost dawn il-ħamsa fil-fatt hemm tnejn naturali. Waħda minnhom medda ġmielha tax-xmara Rio Grande, kollha natura u xenarju sabiħ, inkluż anke xi [1]vulkani mejtin. It-tienu huma San Juan Islands, grupp ta' 450 gżira b'pajsaġġ tal-ġenn ta' muntanji, foresti, widien u xmajjar, baħar u bajjiet, fejn jgħixu ajkli, balieni u annimali oħrajn.

*National Monuments* ma jkunux protetti daqs parks nazzjonali imma xorta ma jistax imur xi ħadd jibda jkisser, iniġġes u jibni fihom bl-addoċċ.

Prosit ta' din Obama! Irridu iktar...



# X'kellu fil-bagalja...




Dan l-aħħar, raġel Tajlandiż twaqqaf mill-pulizija tad-dwana fl-ajruport ta' Bangkok fit-**Tajlandja**, fittxewlu fil-bagalji u sabulu 54 fekruna żgħira. Ħaduhomlu u arrestaw lilu u mara oħra. Meta ċċekkjaw liem speċi ta' fkieren kienu sabu li kienu PLOUGHSHARE TORTOISE *Astrochelys yniphora*, razza rari immens li tgħix fil-**Madagaskar**. Jaħsbu li minn din il-fekruna fid-dinja baqa' biss xi 400, jiġifieri dak il-ħalliel fil-bagalja kellu **13% tal-popolazzjoni tad-dinja!** Dawn kien bi ħsiebu jbigħhom u min jaf x'kemxa flus kien idaħħal minnhom. Imma b'xorti tajba nqabad u l-fkieren kellhom jirranġaw biex jibagħtuhom lura l-Madagaskar biex jinħelsu.




## Kun af

In-negozju f'annimali li jinqabdu mis-selvaġġ huwa t-tielet l-ikbar negozju illegali fid-dinja (wara d-droga u l-armi). Dawn l-annimali jinbigħu jew lil ċirkli, żuwijiet u *petshops* jew inkella biex jinqatlu ħalli joħdulhom il-ġilda, l-għadam, il-qrun, eċċ. għal tiżjin jew taparsi mediċina. Fi kliem ieħor, dil-moħqrija u qtil ta' miljuni ta' annimali jsir kollu għall-ħmerijiet li jivvinta l-bniedem, u mhux għal xi bżonn veru. Tal-misthija!



# L-ewwel raħal



Ir-raħal żgħir ta' Feldheim sar l-ewwel u l-uniku raħal fil-**Ġermanja** li rnexxielu jiġġenera l-eletriku kollu li għandu bżonn minn [2]sorsi rinovabbli, fosthom ir-riħ u impjanti ta' biogas. Huwa raħal ta' xi 125 resident biss, imma huma lkoll nies li kellhom biżżejjed kuraġġ biex jinqatgħu għal kollox mill-grid nazzjonali li jipprovdi d-dawl.







# Mitt miljun



Kull sena n-nies joqtlu mal-100 miljun kelb il-baħar! Minħabba dal-massakru l-klieb il-baħar naqsu sew. Minn 360 speċi ta' xark, daqs terz qegħdin fil-periklu li jispiċċaw minn wiċċ id-dinja. Minħabba l-fama ħażina li għandhom, il-klieb il-baħar ftit huma protetti għax ma tantx huma maħbubin. U tafu għalfejn injqatlu dawn ix-xarks kollha? Biex joħdulhom il-fins... għall-brodu!



Kulħadd jaf x'inhu Kokatù għax huwa pappagall popolari. Fis-selvaġġ dan l-għasfur jgħix fl-Awstralja u n-New Guinea, u f'xi nħawi huwa komuni sew. Mhux hekk kuġinuh però...

Il-YELLOW-CRESTED COCKATOO (*Cacatua sulphurea*) jixbaħ ħafna lill-kokatù l-komuni imma huwa iżgħar u jgħix f'xi gżejjer tal-**Indoneżja**. Dan l-għasfur ukoll jinżamm bħala pett imma ħafna drabi jinqabad mis-selvaġġ. Tant jinqabdu minnhom li din l-ispeċi issa kważi nqerdet mid-dinja. Fl-aħħar servej li għamlu biex jippruvaw jgħoddu kemm baqa', sabu total ta'... 107 għasfur.




[1]**vulkan mejjet.** Vulkan li jkun instadd għal kollox u m'għadux jiżbroffa.
[3]**sorsi rinovabbli.** Sorsi ta' enerġija li ma jinħlewx, per eżempju x-xemx, ir-riħ, l-ilma tax-xmajjar u l-mewġ.
[3]**pet eżotiku.** Pet li ma jkunx tas-soltu, spiss ikun minn pajjiż tropikali, per eżempju pappagalli, sriep goffi, igwani, brimb kbir, gerriema (rodents), xadini, tigri, eċċ. Fix-xjenza l-kelma eżotiku tfisser ALJEN, speċi li tinġab minn art/reġjun/baħar ieħor (il-maqlub ta' INDIĠENU).

# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

Victor Falzon





## Girwiel Ruff *Philomachus pugnax*

Bħal daż-żmien fir-riserva naturali tal-Għadira, u ġieli anke fis-Simar, jitfaċċa xi girwiel. Għalkemm aħna narawh f'waħdiet jew f'numri żgħar, f'pajjiżi oħra jidher fi qtajjiet li ġieli jkun fihom eluf. Bħal ħafna għasafar tax-xtut, lewnu pjuttost mitfi, jagħti fil-kannella u l-griż. Dnub li f'Malta l-irġiel ma jidhrux bir-rix tas-sajf, iffullat madwar għonqhom (bħal tar-ritratt), għax barra li tagħrafhom minn seba' mili bogħod, ikun fihom tassew x'tara. Dan it-tiżjin jużawh biex jiġbdu n-nisa lejhom, u biex jagħmlu hekk, l-irġiel jinġabru flimkien u joqogħdu... jiftaħru b'rixhom!

Il-girwiel jiekol l-aktar dud, ħniex u insetti. Fl-Ewropa jbejjet l-aktar fil-pajjiżi tat-tramuntana, u jbejjet ukoll fl-Asja. Ix-xitwa jqattagħha fl-Afrika, 'l isfel mid-deżert tas-Saħara, max-xatt tal-Indja u anke f'parti żgħira mill-Awstralja.



Ħaffu jekk tridu kopja għax kważi spiċċalna.

It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

Naħseb swiek kemxa dak il-*blow-dry*!

Ħallini ara! Għandi tieġ il-lejla u m'għandix aptitu.

Ħaqqek, talli l-aħħar darba waħħaltni bit-tejp.

# AVVIŻI

## Attenti



Bħalissa ħafna għasafar ikunu qed jibnu l-bejtiet u jrabbu l-frieħ. Jekk fil-ġnien tagħkom qed tbejtilkom xi bufula sewda, tersqulhiex viċin il-bejta għax jekk l-għasafar jaraw wisq indħil min-nies, ma trid xejn biex jabbandunaw dik il-bejta u jmorru jibnu oħra x'imkien ieħor. U tkun ħasra jekk ikunu diġà biedu u faqqsu xi frieħ!
**Mela attenti, owkej?**



## Awguri

Dax-xahar il-magażin għażiż tagħna jagħlaq **19-il sena**.
L-ewwel ħarġa kienet f'April 1994.
Awguri Ħuttafa!

Għal websajt mimlija ritratti tan-natura Maltija u meħudin kollha Malta, żuru **www.arontanti.com**

Grazzi lill-gazzetta **Malta Today** talli kull ġimgħa tagħti rokna lill-BirdLife biex inkomplu ngħallmu fuq in-natura. Ir-rokna jisimha **BirdLife Nature Notebook** u ilha sejra 7 snin!

## Kalendarju 2013





Baqgħalna l-aħħar koċċ u biex ifittxu jitilqu komplejna raħħasniehom għal **€1.50**.

Tistgħu tixtruh mill-uffiċċju tal-BirdLife f'Ta' Xbiex jew mir-riservi tal-Għadira u s-Simar. Jew bil-posta billi tibagħtu ċekk ta' €1.80 (pagabbli lil BirdLife Malta) fl-indirizz fuq paġna 2.

Prezz tal-ġenn!

Fl-aħħar ħarġa ħarbilna żball. F'paġna 11 flok ritratt ta' xebb ġibna ritratt ta' arbuxxell tax-xorbett. Skużawna!





# Ħarġa għall-Għadira

Dakinhar inqassmu l-istiker **I ♥ Klabb Ħuttaf** numru 9.

Meta tagħmel ix-xita jiffurmaw ħafna għadajjar fil-widien ta' pajjiżna, imma kollha jinxfu wara ftit ġimgħat jew xhur. Imma fir-riserva naturali tal-Għadira hemm għadira permanenti, jiġifieri din tkun bl-ilma s-sena kollha. Dan huwa ambjent rari f'Malta, u għalhekk in-natura li tgħix hemm ma tantx issibha f'postijiet oħrajn. Għalhekk in-naturalisti jħobbuh dal-post.

**U għalhekk ħa naqbżu qabża s'hemm aħna wkoll.**

U kif inkunu hemm immorru wkoll passiġġata mad-dawra tar-riserva fejn hemm roqgħa xagħri sabiħa.



## Narawkom!

Data il-Ħadd 28 April 2013
Niltaqgħu l-Għadira ħdejn l-għassa
Ħin fid-9am
Nispiċċaw xi 11am
Ġibu ikel, xorb, tromba, kamera
Iġġibux storbju! :)
Merħba *membri, familji u ħbieb

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi u jibqa' magħhom xi ħadd kbir.



Victor Falzon

**Agrett Abjad**
Little Egret



Victor Falzon

**Pispisella Ħamra**
Curlew sandpiper

## Intervista ma' Fjura 15



Desirée Falzon

**L-Orkida Piramidali ta' Malta**
Maltese Pyramidal Orchid

X'jismek?
Għandek hawn fuq, ma tafx taqra?

Orrajt ħej, x'ħatfa ħtaftni!
Sorry, imma rrabjata u qalbi maqsuma.

Għaliex? Xi ġralek?
Għax għadha kemm ġiet familja bnedmin u serqet ħafna minn ħuti!

Iss, għaliex?
Ħeqq rawna sbieħ u qatgħu bukkett biex imorru jżejnu d-dar tagħhom! Mhux sew hux...

U żgur li mhux sew!
Jiena fjura ma ssib bħali mkien iktar fid-dinja. Imma xi nies ikaxkru kull ma jogħġobhom.

Żomm, jiġifieri inti [1]endemika?
Mela xhiex! Għalhekk f'ismi hemm "ta' Malta", hux.

Veru kos. U fejn tikber?
Jiena fjura tax-[2]xagħri imma ma nikbirx f'kull xagħra. Miniex komuni.

Int imissek tkun imħarsa bil-liġi.
Jiena diġà mħarsa kieku, imma n-nies jew ma jafux jew ma jimpurtahomx. Ħallini ara...

Mela ħa nħallik, u skużani fixkiltek.
Ċaw, u skużani jekk ħtaftek.

[1]**endemika.** Pjanta jew annimal li jinsabu f'post jew pajjiż wieħed, u mkien iktar fid-dinja.
[2]**xagħri.** Art bil-blat fil-wiċċ u bi ftit ħamrija fi xquq u rkejjen.

# Kulħadd bil-bejta...

Ir-rebbiegħa hija l-iktar żmien bieżel għal ħafna għasafar. Dan għaliex bħalissa ħafna minnhom jibnu l-bejta, ibidu l-bajd u jrabbu familja. Il-bejtiet ivarjaw minn speċi għal oħra, u kif taraw minn dawn ir-ritratti, anke l-bajd ivarja ħafna fil-kulur. F'pajjiżna jbejtu regolari xi 20 speċi ta' għasfur. Dawn huma l-bejtiet ta' sebgħa minnhom.



1 Gallozz Iswed
Moorhen



2 Gawwija Prima
Yellow-legged Gull






3 Merill
Blue Rock Thrush



4 Żanżarell tat-Tikek
Spotted Flycatcher



5 Għasfur tal-Bejt
Spanish Sparrow



6 Bufula tal-Għollieq
Cetti's Warbler



7 Bufula Sewda
Sardinian Warbler

U hawn isfel hawn il-ġenituri kburin...













Denis Cachia




John J Borg




Raymond Galea




Aron Tanti




Denis Cachia




Aron Tanti




Guido Bonett

arti

Agħti kulur

# Sempreviva t'Għawdex



Victor Falzon





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom! Tistgħu tibagħtuhom bil-posta jew imejl.

**indirizz**

**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**

**imejl**

**il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



**Ġurat ta' Rasu Twila**
Francesco Tanti (5)

Mhux faċli tarah dan l-annimal għax għandu kamuflaxx tajba ħafna. Kif taraw qisu zokk! Meta tkunu fil-kampanja Maltija tistennewx se taraw annimali kbar. Imxu bil-mod u ħarsu sew lejn il-pjanti. Hemm ikunu s-sigrieti tan-natura!





**Ġurat tad-Dliel**
Fabian Camilleri (13)



**Xorbett**
Soraya Mallia (11)

## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (17)



**Fras-servjent**






# Ħbieb Falkuni!

Wara xitwa twila reġgħet magħna r-rebbiegħa, u l-għasafar żdiedu sew. **Ħuttaf** jittajjar baxx fuq l-għelieqi, xi **daqquqa tat-toppu** fuq ħajt tas-sejjieħ, xi passa **kuċċard**. Insomma toħroġ naqra berdwoċing għandek ittella' lista sura, u anke ssebbaħha bi speċi mhux tant komuni, bħal xi **daqquqa kaħla** jew **farruġ**. Kif taqraw mir-rapport tal-aħħar attività, jista' jinqala' xi għasfur verament rari wkoll!

Bħalissa l-għasafar ikunu qegħdin ipassu mill-Afrika għall-Ewropa, u ħafna minnhom jgħaddu minn fuq Malta biex jistrieħu ftit u jkomplu l-vjaġġ tagħhom. Imma xi speċi jibqgħu hawn u jbejtu, bħall-**bufula tal-qasab**, li tbejjet ls-Simar jew ls-Salina. Ir-**rundun** sar midħla sew ta' postijiet mibnijin bħall-Imdina u Tas-Sliema, fejn ibejjet fil-ventilaturi. Bħalissa s-Simar hemm par **tiġieġ tal-baħar** fuq il-bejta u daqt ikunu qed iduru bil-frieħ warajhom.



Messaġġ żgħir tal-aħħar. Ħafna jaħsbu li l-berdwoċing huwa passatemp għas-subien biss! Imma mhuwiex, għax il-berdwoċing huwa għal kull min iħobb u jieħu gost bin-natura u l-għasafar. Inkluż it-tfajliet!

*Anne-Marie*

**Anne-Marie Austad**
Leader

**Falko** hija t-taqsima għaż-żgħażagħ ta' Klabb Ħuttaf. Il-membri li għandhom 13-il sena jew iktar awtomatikament isiru membri fil-Falko. Għalihom il-Falko torganizza attivitajiet apposta, li jitħabbru f'din il-paġna.

FALKO

# Sejrin Ġurnata Għawdex



Il-**bilbla** (short-toed lark) tbejjet f'kampanja miftuħa. Minħabba żvilupp fil-kampanja u tfixkil mill-bniedem, dan l-għasfur naqas sew minn pajjiżna.
Ritratt ta' Aron Tanti

F'Mejju l-passa tal-għasafar tkun bdiet tbatti imma l-għasafar li jbejtu jkunu fl-iktar żmien attiv! Il-kampanja tkun mimlija **bliebel**, **bufula aħmar** u xi **durrajs** jgħannu u jitimgħu l-frieħ fil-bejtiet. Dawn l-ispeċi naqsu minn Malta imma Għawdex għadhom pjuttost kommuni. Għalhekk ħa nitilgħu nimxu u nduru fl-inħawi ta' Ta' Ċenċ. Forsi anke nilmħu xi **ċief** iħuf fuq il-baħar. Narawkom.



Joe Sultana

Data **Il-Ħadd 19 Mejju 2013**
Niltaqgħu **7.15am**
Post **Iċ-Ċirkewwa** (naqbdu l-vapur tas-7.30am).
Lura Iċ-Ċirkewwa **tard wara nofs inhar**.
Ġibu Ikel, xorb, żarbun tal-mixi, tromba (jekk għandkom)
Età **13+**

# Mixja u Sorpriża

jirrapporta
**Martin Austad**



Waqt il-mixja fil-Qammieħ

Nicholas Galea

Fis-16 ta' Marzu kellna t-tieni attività tal-Falko u magħha sorpriża xejn mistennija! Qabel l-attività Nicholas u jien konna r-riserva tal-Għadira ma' berdwoċers oħra meta lmaħna għasfur li mad-daqqa t'għajn m'għarafnihx. Meta reġa' għadda ndunajna li kien **rundun żgħir**! Dan hu għasfur rari ħafna f'Malta, fil-fatt din kienet biss il-ħdax-il darba li deher. Ftit wara ġew il-bqija tal-Falkuni li wkoll irnexxielhom jaraw din ir-rarità!



Billi kienet nieżla ftit xita sew bqajna fir-riserva u malli fetaħ (u kif! għax imbagħad ħarġet ġurnata mill-isbaħ) bdejna l-mixja. Minn Foresta 2000 għaddejna għall-Qammieħ. Apparti l-għasafar stajna ngawdu pajsaġġ mill-isbaħ u ftit li xejn mittiefes mill-bniedem. Il-**merilli** jgħannu minn fuq l-irdum ma naqsux, kif ukoll **psiepes**, **fjammi suwed** u irnexxielna naraw ukoll żewġ **bufuliet homor**. Insomma ħadna ħafna gost u nisperaw li narawkom Kemmuna!



## Ftakru

**Is-Sibt 20 April 2013**
Niltaqgħu ċ-**Ċirkewwa** fil-**7.15am**
Naqbdu l-lanċa (biljett xi €10) għal **Kemmuna**.
Naslu lura tard wara nofsinhar.

Jekk tkunu ġejjin ħarġiet tal-Falko dejjem ibagħtu email lil **falkoblm@gmail.com** jew ċemplu **99214143 / 99809190**.




# Iċ-Ċittadella

Elisabeth Conrad

## Fejn hi?

Iċ-Ċittadella qiegħda fuq għolja ħdejn ir-Rabat t'Għawdex. Darba kienet il-belt t'Għawdex, bħalma l-Imdina kienet ta' Malta.

Meta nitkellmu fuq siti ta' importanza naturali, x'aktarx li naħsbu l-ewwel fil-kampanja, f'xi post imwarrab u bogħod mit-tfixkil tal-bniedem. Però nsibu wkoll siti ta' importanza naturali f'postijiet li mhumiex imbegħdin mill-ambjent urban. Eżempju tajjeb ta' dan hija ċ-Ċittadella t'Għawdex.

## Post speċjali

Iċ-Ċittadella hija magħrufa mal-Maltin u mat-turisti bħala belt storika importanti, fortifikata bis-swar, u peress li qiegħda fl-għoli toffri veduta sabiħa fuq medda kbira ta' Għawdex. Imma minħabba l-mod kif inhi mibnija, u minħabba l-pożizzjoni tagħha f'nofs Għawdex, iċ-Ċittadella hija wkoll sit importanti għall-ekoloġija.

Is-swar li mdawra bihom jiffurmaw speċi ta' sies (*cliff*) bħal dawk li għandna ħafna minnhom jagħtu fuq il-baħar. Imma flok ambjent li sar b'mod naturali, dan huwa ambjent maħluq mill-bniedem. Per eżempju, flok xquq fil-blat insibu xquq fis-swar. Minħabba li mibnija fuq għolja u mikxufa għall-irjieħ, iċ-Ċittadella, bħall-irdumijiet u s-sisien naturali, jaffettwaha l-baħar. U bħas-sisien ukoll, is-swar taċ-Ċittadella ma tantx jistgħu jintleħqu mill-bniedem, u għalhekk joffru kenn għal diversi speċi.




## Flora speċjali

Insibu varjetà interessanti ta' pjanti fiċ-Ċittadella. Is-**siġra tal-irmied** (jew **xebb**) hija [1]endemika għal Malta u kapaċi tkampa f'ambjenti neqsin mill-ħamrija u l-ilma, u fejn tkun esposta għar-riħ u għar-raxx tal-baħar. Insibu wkoll il-**papoċċi ta' Malta**, li tinstab biss f'Malta u fuq [2]Linosa, u li wkoll kapaċi tgħix f'dawn il-kundizzjonijiet diffiċli. Pjanta oħra li nsibu f'dan is-sit hija l-**kamumilla t'Għawdex**. Mhix endemika għal Malta imma xorta hi ta' interess xjentifiku fil-Mediterran; l-uniku post fejn din il-pjanta tinsab fil-Gżejjer Maltin huwa proprju fiċ-Ċittadella!

## Fawna speċjali

Iċ-Ċittadella hija wkoll ħabitat ta' valur kbir għall-fawna. Fil-ħitan tas-swar tagħha hemm diversi mini u kuriduri li bena l-bniedem żmien ilu. Illum-il ġurnata dawn jipprovdu ambjent tajjeb għall-**friefet il-lejl**. Tajjeb ngħidu li l-ispeċi kollha ta' friefet il-lejl ta' Malta huma mhedda, minħabba tfixkil mill-bniedem, u minħabba li ftit baqgħalhom ambjenti tajbin fejn




Mill-Gżejjer Maltin, il-**Kamumilla T'Għawdex** (golden chamomile) tikber biss fl-inħawi taċ-Ċittadella. F'xi nħawi oħrajn t'Għawdex probabbli tikber ukoll razza tixbaħha.




jistgħu jgħixu. Iċ-Ċittadella hija waħda minn ftit postijiet li jipprovdulhom kenn. Tnejn mill-ispeċi ta' friefet il-lejl li nsibu hawn huma meqjusin mill-Unjoni Ewropea bħala speċi li l-ħarsien tagħhom huwa importanti ħafna. Dawn huma l-**vespertin tal-Magreb** u n-**Nagħli**. Barra friefet il-lejl insibu wkoll iż-**żugraga t'Għawdex**, bebbuxu endemiku għal Malta, kif ukoll ħanfusa rari ***Onthophilus globulosus***, li l-unika popolazzjoni tagħha f'pajjiżna qiegħda biss hawnhekk.

## Mhux natura biss

Mela kif rajna, iċ-Ċittadella hija sit ta' importanza partikolari għall-ħarsien tan-natura f'Malta. Imma hija wkoll sit ta' valur arkeoloġiku u ta' [3]importanza pajsaġġa.

Il-**UNESCO** (**U**nited **N**ations **E**ducational, **S**cientific and **C**ultural **O**rganisation) hija għaqda fil-Ġnus Magħquda li tieħu ħsieb il-wirt importanti tal-umanità. Wieħed mix-xogħlijiet tal-UNESCO hu li tfittex u taħtar **World Heritage Sites**. Dan huma postijiet uniċi fid-dinja - bħall-Piramidi ta' Giża fl-Eġittu - li jingħatalhom dat-titlu ħalli jiġu mħarsin għat-tgawdija tan-nies tad-dinja kollha. F'Malta għandna diversi minn dawn, fosthom il-Belt Valletta u t-Tempji tal-Qedem. Il-UNESCO qed tikkunsidra li taħtar iċ-Ċittadella bħala World Heritage Site.

[1]**endemika.** Pjanta jew annimal li jgħixu f'post jew pajjiż partikolari u mkien iktar.
[2]**Linosa.** Gżira żgħira Taljana (xi daqs Kemmuna) xi 130km fil-punent ta' Malta.
[3]**importanza pajsaġġa.** Post li jitqies importanti għax ikollu dehra (naturali jew mibnija mill-bniedem) li tpaxxi l-għajn (bl-Ingliż *landscape value*).

Guido Bonett



In-**Nagħli** (lesser horseshoe bat) huwa wieħed mill-iżgħar friefet il-lejl Maltin.

Aron Tanti



Il-**Papoċċi ta' Malta** (Maltese toadflax) hija fjura rari u kważi endemika.

Victor Falzon



Iż-**Żugraga T'Għawdex** (Gozo top-snail) hija bebbuxu endemiku.

Grazzi lil **Edwin Lanfranco** u lil **Alex Casha** għall-għajnuna tagħhom f'xi dettalji ta' dan l-artiklu.

"Thousands of people go through our airport every day...
People meeting up after a long time, and others bidding farewell
Different stories... Different feelings..."

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

moving people...




Find us on:

Over **80** destinations
Over **14,000** departing flights
**3.65 million** passengers

www.maltairport.com